# Filigrana

INTERVISTA MINN MARIO GAUCI

INTERVISTA MAL-PROF STANLEY FIORINI

TUL TA' ĦIN: SIEGĦA, TMINTAX-IL MINUTA U ERBGĦA U ERBGĦIN SEKONDA

DATA TAL-INTERVISTA: 13 TA' NOVEMBRU, 2024

POST: L-ARKIVJU TAL-KATIDRAL, L-IMDINA

Jiena Mario Gauci ninsabu, hawnhekk fl-Arkivji tal-Katidral u qed nagħmlu intervista, bħala parti mis-serje Filigrana lil Professur Stanley Fiorini

Mario Gauci: Stanley, imwieled fil-qilla tat-Tieni Gwerra Dinjija. Kif kienet tfulitek, dak iż-żmien tant diffiċli għal Malta, u x'tifkiriet għandek fl-ambjent ta' madwarek?

Stanley Fiorini: Mela, irridu ngħidu li, kemm ommi u kemm missieri, huma mill-Isla. U kienu joqogħdu hemm qabel il-Gwerra, kien kemm żewġ ħuti mweldin diġà. Fil-gwerra kellhom jiċċaqilqu minħabba l-periklu tal-gwerra u ġew refuġjati Ħal Balzan fejn twelidt jien. Ħal Balzan, tifkiriet tal-Gwerra għandi żgħar. Pereżempju, niftakar is-suldati ta' Basutoland, li konna ngħidulhom il-Bażuti, li kienu kkampjati taħt is-siġar taż-żebbuġ ta' Ħal Lija. U ħdejn id-dar tagħna kien hemm erba' garaxxijiet li l-militar kellu l-affarijiet storjati hemmhekk. Jiġifieri niftakarni, l-ewwel memorja, naħseb kelli forsi xi tliet snin, jien twelidt fil-forty one. Dawk kienu għadhom hemmhekk u kienu jiġu fil-garaxx bit-trakkijiet tagħhom. Allura jiena fil-gallarija u huma fit-trakkijiet livell tiegħi u għandi memorja ċara qed ituni biċċa ċikkulata. Niftakar ukoll suldati Ingliżi għaddejjin bil-karrijiet, wagons biż-żwiemel, aħna konna qegħdin fuq tarġa filgħaxija u jwaddbulna xi kaboċċi. Għandi memorja tax-xelter. Għandi memorja tal-, flok ħġieġ, kienu saru karti trasp-karti mhux trasparenti le. Fid-dar magħna kellna wkoll refuġjat, anke kelb, li meta kien jisma' ħoss kbir kien jiddeċiedi jgħaddi minnhom u nispiċċaw b'xi toqba fl-antiporta. Imbagħad...

MG: Però Ħal Balzan ma tantx domt.

SF: Ħal Balzan domt sakemm kelli ħdax-il sena. Imbagħad aħna, peress li konna refuġjati maz-zijiet t'ommi, meta mietu huma fil-fifty, jiġifieri, kellna niċċaqilqu minn hemmhekk u rġajna morna l-Isla. Filwaqt li Ħal Balzan trabbejt fil-Mużew, kelli ħafna ħbieb hemmhekk, konna mmorru Sant'Anton, u dawn l-affarijiet kollha kienet trobbija feliċi ħafna, memorji sbieħ.

MG: Allura l-iskola fejn kienet?

SF: Bdejt St Joseph għax ħuti kienu bdew diġà, il-Belt. Jiġifieri kelli sitt snin, stage two għamiltha hemmhekk, imbagħad kelli inċident żgħir u missieri ddeċieda li niċċaqilqu, ċaqlaqni minn hemm u mort sena l-Montessouri, kelli inċident żgħir ieħor hemmhekk. Imbagħad mort tal-Gvern Birkirkara. Nifktar lis-Surmast Valletta li kien espert fil-friefet u għandi memorji sbieħ ta' ħarġiet il-Buskett miegħu, jurina diversi affarijiet ta' botanika eċċetra. L-Isla kienet għalkollox differenti għaliex imbagħad, sadanittant dħalt il-Liċeo, sadanittant kont l-ewwel sena l-Liċeo, wara l-għassa tal-pulizija, kont minn Ħal Balzan. Imbagħad morna l-Isla u l-atmosfera hija kollha differenti. Ħal Balzan imdawwar bl-għelieqi, ġonna eċċetra, l-Isla mdawrin bil-baħar. Kienet time sabiħ ħafna ta' tifel ta' tnax, tlettax-il sena, li d-dar tagħna, li kienet is-sirena tħares lejn Sant'Anġlu, jiġifieri mill-

gallarija waqa' dritt għall-baħar. Ommi darba farfret it-tvalja, kellha ċ-ċurkett tat-tieġ u spiċċa l-baħar, b'xi mod ġibnihulha. U kellna għar li tinżel għalih minn dan l-appartament. U missieri kellu frejgatina hemmhekk, kienet xalata sħiħa. Fis-sajf inniżżlu ċikkulata għal fuq id-dgħajsa.

MG: Dana qegħdin ngħidu fil-bidu tal-ħamsinijiet.

SF: Fifty-three, fifty-three.

MG: Imma l-Isla kienet għadha ħerba?

SF: Biċċiet minnha kienet għadha ħerba. Pereżempju, l-istatwa ta' San Mikiel kienet f'kantuniera għadha mwaħħla fuq kolonna u l-bini ta' warajha kien telaq kollhu. Hemmhekk komplejt, kelli ħbieb, mort il-Mużew erġajt insemmi lil Vanni Bartolo, pereżempjupereżempju, li għamel...

MG: L-arġentier?

SF: Li għamel l-induratura tal-Bambina, pereżempju, konna tampar xulxin, imbagħad ġara xi ħaġa importanti. Ġew il-Ġiżwiti hemmhekk. U komplejt naqa' għall-influwenza tagħhom għaliex kelli esperjenza ma' Robby Darmanin li kien il-Liċeo li kien iżurna u jorganizza diversi affarijiet. U tħajjart li nidħol Ġiżwita jiġifieri...

MG: Ġiet b'mod awtomatiku.

SF: Iva, xi ħaġa naturali.

MG: X'tgħidilna, kif kienet il-ħajja tiegħek fl-ewwel snin ta' formazzjoni? Min kienu n-nies ta' ispirazzjoni fil-kamp akkademiku vast u profond tiegħek, fil-bidu tal-karriera?

SF: Spiritwalment għalija, role model, qawwi kien dana Fr Robby Darmanin, konna nafuh il-Karozzin, ma nafx għal xiex. Kien San Alwiġi u l-Mużew ta' Ħal Balzan, fil-bidu kien hemm Ċikku Zammit li mbagħad mar Ħ'Attard u warajh laħaq Delicata, Victor Delicata li kien jieħu paċenzja kbira ħafna bija. Naturalment kont nippreferi nkun ma' sħabi l-Ħadd waranofsinhar, xi passiġġata lejn l-Iklin, kien għadu ħerba dak iż-żmien. Ommi u missieri kienu joħorġu, imma kien jibqa' miegħi, ma kellux karozza dak iż-żmien, bil-bicycle jgħabbini quddiemu, iniżżilni sad-dar, naraw waslux, imbagħad nerġgħu nitilgħu u naraw jekk ma waslux. Imma kien bniedem li jispirak ħafna. Jiġifieri minn dak il-lat kelli role models qawwijin ħafna. Imbagħad qed tgħid akkademikament, naturalment jiena nnamrajt mal-Matematika għaliex kont immur tajjeb ħafna fil-Liċeo fiha u meta kont dħalt Ġiżwita rrealizzaw li l-linja tiegħi kellha tkun dik u kont mmur tuition għand Borg Costanzi kien għadu mhux lettur dak iż-żmien, professur tal-Matematika, kien għadu ġej minn Oxford u dejjem kien jgħidilhom lill-Ġiżwiti, is-Superjuri, "Lil dan, ibagħtuh Oxford." Naturalment, ma kienx possibbli għax il-Ġiżwiti għandhom l-idea tagħhom ta' formazzjoni wara n-novizzjat eċċetra. L-ewwel mort filosofija ħdejn Oxford, Heythrop College fejn għamilt il-Baċellerat, imbagħad wara bdejt...

MG: Hawnhekk kellek, bejn wieħed u ieħor, dawk id-dsatax.

SF: Le mela, sixty, sixty-three, qed ngħid, hemmhekk, early twenty, twenty-two. Borg Costanzi ma tantx għoġbitu l-ħaġa li qed nagħmel affarijiet oħra u mhux Matematika, dak iż-żmien, għaliex għalih: "Mathematics is a young man's game," taqbeż ċertu età ma tibqax bright kif tkun fil-bidu nett. Anyways, jien mort ħdejn Oxford fis-sixty-six. Dak kien żmien ta' wara l-Konċilju u kien hemm ħafna ideat ġodda fil-Knisja, qisu kien hawn moviment li you have to rethink afresh. U jiena u ħafna oħrajn iddeċidejna li noħorġu minn Ġiżwiti, kif kien hemm ħafna professuri qabilna li għallmuna fuq il-filosofija, li wkoll kienu telqu, Davies, pereżempju, li dawk ukoll kienu akkademikament nies li jispirawk ħafna. Jiġifieri wara li għamilt sena Oxford, Campion Hall, meta qed nuri dawn is-sentimenti li nixtieq li noħroġ, għidt mela Oxford mhux il-post għalik. Lura Malta għallimt sentejn San Alwigi, imbagħad wara daw' is-sentejn, li kienu diffiċli ħafna ħafna għalija, l-aktar żmien ta' deċiżjoni diffiċli, iddeċidejt li noħroġ. Kemm domt Heythrop kellna opportunità, jiena ta' żgħir l-Isla kont ġa nitgħallem il-vjolin mas-Surmast Tesoriere, Francesco. U Heythrop kellna wkoll opportunità ta' orkestra li daqqejna kemm-il darba hemmhekk stess u anke barra. Meta mort Oxford iġġojnjajt ukoll l-orkestra tal-belt, jiġifieri. Allura dawk is-sentejn, fejn kont il-Kulleġġ ngħallem, kont insib żvog kbir fil-Mużika, tant li kont qed intella' u nniżżel jekk hux Mużika jew Matematika.

MG: Xi ħaġa li ma konniex nafuha din, nafu li kont fil-kor riċenti, fit-tmeninijiet u disgħinijiet, tħobb il-mużika, għal qalbek imma li kellek din l-għażla quddiemek, din l-isfida quddiemek, li kont iddoqq il-vjolin kienet xi ħaġa assolutament...

SF: U iwa, insomma, jiġifieri dawk is-sentejn fil-Kulleġġ speċi żvugajt fl-istument. Kien ta' konsulazzjoni kbira. Anyway, fis-sixty eight ħriġt u ddeċidejt li ser tkun Matematika u mort Oxford biex inkompli dak li ħallejt hemmhekk. Kien żmien diffiċli ħafna għax finanzjarjament ma kont qiegħed tajjeb xejn. Il-Ġiżwiti kienu ssellfuli somma ta' flus milli jistgħu, kont naive ħafna fl-affarijiet ta' finanzi, kont naf li tuition, dak iż-żmien, kienet żewġ sterlini per session, li minn dawk ikollok tmienja, għax is-sistema t'Oxford hija generous ħafna, għandek tmien ġimgħat ta' term, sitt ġimgħat ta' vac, u tmien ġimgħat, fhimt? Allura, dak li huwa tuition għandek one tutorial a week jiġifieri, two times eight jiġu sixteen. Ta' tifel li kont, li finanzjarjament kont pwerili ħafna, għamilt kalkoli ta' dawn it-tip u, meta mort lura sibt li isma' it's not like that għax inti trid taħseb għalik innifsek from A to Z, x'ser tiekol u ma tikolx, x'ser torqod u ma torqodx. Spiċċajt, dak li stajt naffordja kienet kamra cubicle żgħira ġo dar li kienet torganizza ċ-Chaplaincy, anqas kienet kamra sew, tant kienet żgħira illi s-sodda kelli nagħlaqha matul il-ġurnata, jekk nixgħel il-heater ninxtewa, jekk nitfih, nirżaħ, ngħix ġol-Library, kont nistudja matul il-ġurnata u filgħaxija kont ninġabar, insomma. Biss ukoll sibt il-providenza kbira hemmhekk ukoll li wara ċertu żmien, ir-rettur tal-Kapuċċini ta' Oxford Iffley Road fejn kont nattendi l-quddiesa, għax kienet viċin ħafna ta' fejn kont noqgħod jien, offrieli ikla kuljum, għall-inqas kelli moħħi mistrieħ. Għaddew it-tliet snin u wara, naturalment, is-sitt ġimgħat tal-vac, kont ninżel

Malta, iltqajt ma' tfajla eventwalment il-mara futura, u fis-seventy three żżewwiġna. Kelli, ġietni opportunita tajba ħafna għaliex meta ġejt lura bdejt ngħallem il-Junior College. U bqajt għaddej diversi ideat ta' riċerka, kont niżżilt, minn Oxford, fl-ewwel, in-nies li ltqajt magħhom, għax inti saqsejtni dwar in-nies li ispirawni, pereżempju, Keith Hannabuss, kien it-tutor tiegħi, first rate, speċjalizza fuq id-de... space, kelli wkoll tutor li kien supervised tutor ta' Borg Costanzi, meta kien għadu student hemmhekk hu. U Robert Wilson li kien it-tifel tal-Prim Ministru ta' Harold Wilson tal-Ingilterra li introduċieni għal ċertu ideat ġodda li Malta ma konniex nitkellmu fuqhom, ma kinux parti mis-syllabus, dawn huma fl-area tal-kubinatorika, li huma networks, dik l-area ta' graphs u networks. U meta ġejt lura, waqt li qed ngħallem il-Junior College, dik is-sena, bqajt għaddej b'dawn l-ideat u bdejt naħseb biex nagħmel riċerka tiegħi fiha. U kelli ċans immur konferenza Saint Andrew's fejn kien hemm nies importanti, Matematiċi importanti f'din l-area u waqt li kont hemmhekk Scotland, għidt minflok ninżel Malta dritt, ħa nerġa' ninżel Oxford u niltaqa' ma' nies li kont naf. Iltqajt mal-eks tutor tiegħi, Wilson, qalli, "Il-Bambin bagħtek, kont qed naħseb biex ikolli doctoral student, ċertu xi ħadd li dropped out," qalli, "trid toħodha inti, scholarship?" Għidtlu niġi f'Ottubru. Meta ġejt lura rranġajt mal-Università bqajt l-impjieg tal-Universita biex ma nitlifx s-seniority li kelli. Qabel ma żżewwiġt anzi, żżewwiġt fis-seventy three, fis-seventy-two bdejt erġajt tlajt l-Ingilterra, erġajt mort Oxford qed naħdem fuq din, li f' sentejn lestejt it-teżi, iżżewwiġt, kellna tarbija, luckily hemmhekk stess, hekk kif lestejt it-teżi, għax bil-biki ma kont nagħmel xejn u nżilna u bdejna hawn Malta, imbagħad bdejt l-Università fis-seventy-five.

MG: Dejjem fid-Dipartiment tal-Matematika. Dak iż-żmien, min kien il-kap?

SF: Dak iż-żmien kien hemm ħafna Ingliżi, kien hemm…

MG: Inti kont l-unika Malti?

SF: Le le, konna jiena, Joe Pulè u Leonel Ganado, dak iż-żmien. Bowen kien il-head. Imbagħad kien hemm, le, basically, dik kienet. Imbagħad beda t-trouble tal-Università. Għall-bidu kont sejjer tajjeb ħafna, Borg Costanzi ssapportjani, tani sitt xhur sabatical anke wara sena li kont ilni hemmhekk diġà, erġajt tlajt Oxford dik is-sena, dawk is-sitt xhur li għamilt kont ġa pproduċejt xi disa' papers. Ninżel Malta u jibda t-trouble mal-union mal-Gvern, u rrealizzajt li ma tgħoddx għalija għal din il-ħaġa. Għidtilha, "Mara, nitilqu." Mill-banda l-oħra kont ġa ħa nbiegħ id-dar b'kollox, kont qed inkellem lil Borg Costanzi, qalli, "Tagħmilx hekk, taqtax ir-relazzjonijiet li għandek, irranġa exchange ma' xi ħadd." U bil-contacts li kelli mal-Università, sar dan l-exchange.

MG: Exchange jfisser xi ħadd ġie hawn

SF: Eżatt, hu ġie Malta, kien konvinjenti għalih għax kellu t-trouble mal-mara 'l bogħod minnha, kien jaqbilllu hawnhekk, jiena tlajt bil-familja u kont Bristol. U kienet esperjenza ġdida ħafna għax ix-xogħol li kien jagħmel hu, jiena kont nagħmel ix-xogħol tiegħu u hu kien jgħallem hawnhekk, dak li kont ngħallem jien. Hu kien staff tutor. U kien jorganizza t-

tagħlim tal-Matematika fis-South West tal-Ingilterra kollha. minn Cheltenham, in the North, sa St Ives Isles, dik l-area kollha bil-Cornwall u b'Exeter sa Swindon, kont irrid nappunta tutors ta' diversi sections li kienu jiġu mgħallma, u kienet tfisser ħafna vjaġġar hemmhekk, u għamilt sentejn hemmhekk. U hemmhekk irrealizzajt, għidt imma jiena mħabba, ma nżidux aġġettivi, dan il- ma nafx x'ser naqbad ngħidlu, qed neżilja ruħi minn dak li nħobb ħafna, li hu pajjiżi, u din ħarġet ħafna meta darba talbuni biex nagħti talk fuq Malta.

MG: Dan qed ngħidu elf disa' mija u?

SF: Nineteen eighty two, mis-seventy nine sal-eighty two. Għidt, xejn, ħa mmur lura Malta, come what may, imma s-sitwazzjoni kienet għadha ma tranġat xejn fl-eighty two, spiċċajt barra mix-xogħol għax ħriġt bil-protesta tal-Imnarja. Barra minn hekk, kont involut fejn jidħlu fl-union tal-Università, spiċċajna ngħaqqadna mal-MUT imma kienet rollercoaster kbira. Hawn Malta ċ-ċans li tagħmel riċerka Matematika was nil. Kotba xejn, konferenzi xejn, librerija ma tara xejn and I was not going to. U, luckily, il-Professur Godfrey Wettinger kien qed jagħti kors filgħaxijiet fuq place names u kunjomijiet, u dawn l-affarijiet, u affaxxinawni. Għidt, this will be my area għax it goes back għall-perjodu Medjevali li huwa seminali għall-iżvilupp li ġie wara, taf fejn tibda ma tafx fejn tispiċċa.

MG: Jiġifieri dik kienet l-ispirazzjoni.

SF: Dik kienet.

MG: Qabel, qatt ma kont għamilt, missejt ma xejn, apparti dik it-talk li għidtli li kont tajt fuq Malta. Kont għadek l-Università, kellek forsi xi suġġetti...

SF: Le, that was that.

MG: U kont ġa, ta' ċertu età, kważi kellek erbgħin sena, u fuqhom.

SF: Eżatt, imbagħad ġejt hawnhekk, natualment, l-Imdina nqalleb.

MG: Fil-fatt, lil hinn mill-istudji tal-Matematika, għandek ukoll imħabba kbira għall-istorja ta' Malta, partikolarment il-perjodu tard-Medjevali. Il-biblijografija tiegħek hija rikka u estensiva ħafna u, fost l-ewwel xogħlijiet tat-tmeninijiet, urejt l-interess u investigajt aspetti demografiċi dwar Malta u Għawdex, li ftit li xejn konna nafu dwarhom. Is-sorsi, mid-diversi arkivji u fonti ta' natura differenti, kienu fundamentali għalik biex tiġbor u tinterpreta data dwar aspetti tal-popolazzjoni fid-diversi rħula Maltin. Insemmi biss żewġ studji *Status Animarum: A unique source for 17th and 18th Century Maltese Demography* u ieħor li, speċifikament, jittratta s-sena 1687. Fihom turi tkabbir u ċaqliq fil-popolazzjoni u fatturi ekonomiċi. X'tgħidilna dwar dawn ix-xogħlijiet?

SF: Mela, biex norbot ma' dak li konna qegħdin ngħidu, jiena ġejt minn barra determinat biex niskopri x'inhuma l-għeruq tiegħi, nirrazzjonalizza din il-ġibda irrazzjonali għalija lejn pajjiżi li, bħal ħamiema, li bid-DNA tagħha hija li terġa' tmur lejn il-bejta. Allura ridt

niskopri fuq il-familja, kemm min-naħa Fiorini, ta' missieri u min-naħa t'ommi, Zarb, li ħadni lura saħansitra sal-1270, Zarb insibuhom hawn fiż-żminijiet Anġuvini. Allura bdejt inqalleb sources illi jagħtuni informazzjoni fuq il-popolazzjoni, id-demografija. Status animarum kienet ħaġa naturali ħafna għaliex hemmhekk għandek dawn iċ-ċensimenti li l-kappillan jagħmel kull sena fejn, minħabba fil-preċett Paskali, kien jiġbor dettalji fuq il-familji, bil-klieb u l-qtates b'kollox, jiġifieri l-etajiet u fejn joqogħdu eċċetra, allura kienet ċara li, minn hemmhekk ser joħroġ ħafna informazzjoni. Is-sena 1687 hija l-ewwel sena fejn għandna fil-Kurja, il-Furjana, wieħed minn dawn iċ-ċensimenti, għal kull belt u raħal ta' Malta, u allura għandek snapshot view ta' x'kienet il-popolazzjoni dik is-sena. Tgħid hemmhekk jiena qiegħed fiċ-ċert. Jekk jiġi xi ħadd bil-kunjom Matternich, pereżempju, naraw jekk hux qiegħed hemmhekk, u ngħidlek, le, mela wara.

MG: Aktar faċli nkunu nafu l-popolazzjoni b'mod korrett dak iż-żmien milli fil-preżent.

SF: Assolutament, assolutament. Dażgur. Issa bħal dik għandna diversi oħrajn, fl-1705, fl-1797, immedjatament qabel il-Franċizi, fejn nafu eżattament il-popolazzjoni x'kienet bid-dettalji kollha. Interessanti li l-Ordni kienet tagħmel iċ-ċensimenti tagħha fil-bidu minħabba r-raġunijiet tal-qmuħ li kienu jiġu impurtati minn Sqallija. Imma meta, wara l-1615, il-kappillani bdew jipproduċu dawn iċ-ċensimenti tagħhom, qatgħu qalbhom li jagħmlu kompetizzjoni magħhom. Allura waqfu wara l-1632, l-aħħar wieħed li għamlu l-Ordni. Imbagħad wara, meta kellhom bżonn, pereżempju, biex jagħmlu ?? għall-kavallerija, marru fl-1705, marru għand il-kappillan, qalulu, "Tina l-ismijiet tan-nies, tal-irġiel," u mexxew minn hemmhekk. Naturalment, id-demografija hija aspett importanti ħafna. Allura kelli nerġa' mmur lura għal sources ta' qabel.

MG: Ovvjament, l-aspett matematiku, minħabba li inti bniedem tal-Matematika għenek ħafna, għamilt ħafna workings ta' ċerta korrettezza li lilek, inti bihom ħriġt ħafna fid-dawl ħafna patterns, hux hekk?

SF Iva hekk hu, pereżempju, ta' Ħal Qormi fejn kien hemm dik il-ħadma ta' min kien qiegħed jiġbor il-figuri. Meta rrealizzaw li għandhom monopolju fil-ħaġa, lejn l-1765, bdew jgħolluhom dawn il-figuri u tellgħuhom id-doppju talli kienu. Meta Ħal Qormi suppost kellu 3500, spiċċaw 6500 u…

MG: Ivvintawhom.

SF: Ivvintawhom. Imma ma kinux qegħdin jidher illi qed jivvintawhom. Rajtha jiena meta rajt il-graph tagħhom din alimanija kbira, x'jiġifieri Ħal Qormi, minn hawnhekk, ġew hawnhekk, u sentejn wara niżlu fejn kienu?

MG: X'kienet ir-raġuni?

SF: Ir-raġuni, riedu, marru, ċara, għax il-kappillan dik is-sena mar għand Pinto u qallu, "X'jiġifieri l-Isla, Bormla u l-Birgu huma bliet, b'popolazzjoni inqas minn tagħna, u aħna raħal? Nitolbok li din issir Città Pinto." U tahielhom.

MG: Mingħajr ma kien jaf il-popolazzjoni vera.

SF: Kien jaf, mela ma kienx jaf!

MG: Le, Pinto ma kienx jaf, Pinto ta…

SF: Pinto x'jimpurtah! Tahom ismu. Dawk meta ħadu li riedu, niżlu fejn kienu u, bis-saħħa tagħhom, imbagħad bdew jiġu l-oħrajn - Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan the next – il-Gran Mastru ta' wara, Hompesh, is-Siġġiewi Ferdinand, Ħaż-Żabbar Hompesch, imbagħad marru ż-Żejtun, u tħajru, "X'jiġifieri dawk u mhux aħna?" Il-Gran Mastri kienu spiċċaw imma l-Gran Mastru Hompesch kellu ommu, u ommu kunjomha Beland, allura Città Beland. Allura ħarġet din il-ħaġa sempliċement meta wieħed iħares lejn il-graphs tal-popolazzjonijiet. Bl-aspett matematiku, ħareġ diversi affarijiet oħrajn. Jekk tmur lura għall-1241, hemm ċensiment importanti ħafna ta'… fejn il-popolazzjoni hija maqsuma bejn affiljazzjonijiet reliġjużi Insara, Misilmin u Lhud. U għandek għal Malta u għal Għawdex. Ta' Malta kien ridikolożament baxx, l-ammont t'Insara hemmhekk, kien biss sebgħa u erbgħin.

MG: F'popolazzjoni?

SF: Fuq popolazzjoni ta' 8000 Malta u 2000 f'Għawdex, li hija xi ħaġa interessanti li toħroġ minn komputi matematiċi. Il-popolazzjoni ta' Malta, irridu ngħidu illi, sa minn żmien Neolitiku sal-1450, il-popolazzjoni dejjem 10,000. Dik hija l-carrying capacity tal-gżejjer tagħna. Wara dik, hemm żieda, bdiet tiżdied il-popolazzjoni, illi għadha mhux ċara r-raġuni għal xiex, anyways, l-importanti huwa li kienet madwar 10,000, 8000 Malta u 2000 Għawdex. Dil-figura ta'… dak ġara li kien hemm żball… ra wkoll dan iċ-ċensiment… pereżempju ppropona illi li jkun hemm… mille u ssuġerixxa through elf sebgħa mija u erbgħin… Sqallija l-istess kien qiegħed jistudja d-demografija tagħna u ddeċieda illi jżid erba' mija minflok erbgħin, imma ma jiffittjawx il-figuri l-oħrajn. Jiena ħarist lejha, rajt billi hemm l-introjti u l-ħruġ ta' x'kien dieħel u ħiereġ fil-kaxxa ta' Malta, li minnhom tista' toħroġ a line of best fit… line. U din, jekk kellha tkun ċara għall-ħruġ u d-dħul ta' Malta u Għawdex, kellha tirrifletti l-popolazzjoni. Jekk nużaw l-istess… inqabblu Għawdex ma' Malta toħroġ ċara l-figura, tkun sibtha eżattament kemm kienet. Jiġifieri jekk tħares lejha lejn il-lat matematiku, u tiġi preċiżament kif tixtieq qalbek. Hemm affarijiet oħrajn li għenuni… l-aktar ħaġa interessanti, li torbot max-xogħol li beda Wettinger, li ispirani bih, hija dwar l-ismijiet tat-toponimija Maltija. Għall-bidu tal-1400, kellna tnax-il parroċċa – Birkirkara, in-Naxxar, is-Siġġiewi, iż-Żejtun, eċċetra, l-ismijiet ta' dawn huma deskrittivi tat-topografija. 'Birkirkara' huwa l-bir ħdejn il-kalkara tal-ġir. 'Bir Miftuħ,' imma, tiddeskrivi l-bir ta' maftuħ jew bir miftuħ, ma nafx, imma jiddiskrivi bir. 'Is-Siġġiewi', imbagħad, dawn it-tnax-il ċentru kellhom irħula satelliti tagħhom li kollha għandhom l-isem raħal. U jekk tanalizzahom dawn issib li huma assoċjati ma' nies Ħ'Attard pereżempju, Raħal Attard. 'Attard' kien kunjom kif ukoll isem personali u interessanti li mid-disa' Attardijiet li kien hemm Malta fl-1420, sitta minnhom kienu ġo Ħ'Attard innifsu u t-tlieta l-oħra viċin, Ħal

Lija. Allura ttik idea li l-isem Attard beda minn xi razzett jew tnejn ta' din il-persuna Attard li taha ismu lil dan ir-razzett. U beda jinfirex bil-mod il-mod u sar raħal. U għidt, jiena din nista' nippruvaha matematikament jiena? U qbadt mal-kunjom 'Sammut'. 'Sammut,' fil-listi tal-milizzja, u hekk jidher bħala Raħal Sammut assoċjat viċin Ħal Għargħur, il-Għargħur. Fil-fatt, ir-raħal miet u spiċċa fix-xejn, għan-nofs tas-seklu, imma hemm Bjar Sammut, il-Madliena. Għidt nista' nuri matematikament jekk konverġenza tas-Sammutijiet kollha lil hemm, li sejrin dik in-naħa? Allura għandi ċensiment tal-milizzja 1417, 1420, 1425, għandi formazzjoni tal-bidu tas-seklu sittax, imbagħad jidħlu l-iStatus Animarum, u tara firxa, aktar kemm jgħaddi żmien, aktar jinfirxu lejn il-Belt, il-Birgu, u kkomputajthom matematikament u wrejt konverġenza fuq hemmhekk. Prova li l-kunjom beda minn dak il-post.

MG: Fil-fatt Birkirkara, in-naħa ta' fuq naf, ħafna familji 'Sammut' jiġifieri Birkirkara mhux 'il bogħod mill-Għargħur. Apparti l-kunjom 'Borg'.

SF: U żġur!

MG: Aspetti oħra, minn dawk imsejħa 'rolli', ħriġt ħafna patterns u statistiċi. Fil-qosor, x'metodoloġija użajt biex tiġbor u tikkwantifika daqshekk informazzjoni dwar il-belt tal-Imdina u r-Rabat, pereżempju.

SF: Mela żewġ għejun importanti tad-demografija Maltija huma l-listi tal-milizzja, li kixef, skopra Wettinger, li qegħdin hawnhekk fl-Arkivju tal-Imdina, u hemm ukoll dak li semmejt inti tal-... issa li kont qed ngħid huwa li l-Maltin kienu oriġinarjament serfs tar-Re, servi tar-Re, li riedu jagħtu l-kontibuzzjonijiet tagħhom b'xejn. Waħda minnhom, l-għassa madwar il-kosta ta' Malta, li kienu jgħidulha l-maħras, id-dejma, li kienet organizzazzjoni militari ġol-irħula kif ukoll id-difiża tal-Imdina. Dan ix-xogħol kellu jsir b'xejn u l-Maltin resented this. Għaliex kien ifisser ħafna impenn li trid darba fix-xahar tqatta' lejl fuq il-kosta, lejl sħiħ biex tara xi għajn ħażina minn fuq il-baħar, eċċetra, kienet iebsa biżżejjed. Imma riedu wkoll jagħtu ġurnata xogħol b'xejn, iqattgħu l-blat tad-ditch, tal-foss tal-Imdina, li naraw illum u dan ġara fl-1485, qrib t'hemmhekk, għax kien hawn biża' t'attakk ieħor, ma ninsewx li, fl-1427, wara l-inċident ta' Monroy, kellna invażjoni sħiħa minn tmintax-il elf Mislem li ġarrew magħhom terz tal-popolazzjoni u reġa' kien hemm biża', dak iż-żmien, u qalu l-Imdina rridu niddefenduha b'dal-foss. U l-Maltin kollha, irrispettivament min kienu, kellhom jagħtu x-xogħol tagħhom biex jaqtgħu l-blat, biex jisseparaw l-Imdina mir-Rabat.

MG: X'inhi l-ipoteżi tiegħek li, dokumenti bħal dawn, li mhumiex ta' natura ekkleżjastika, imma jinstabu fl-arkivju tal-Katidral. Insemmi dawn, insemmi s-sezzjoni tal-, tat-trattat li għamlu l-Maltin mal-viċirè ta' Sqallija għar-reannessazzjoni ta' Malta mar-Renju tad-Due Sicilie, il-minuti tal-Universitas. X'inhi l-ipoteżi tiegħek?

SF: Jiena għalija għadni ma rrisolvejthiex jiena, imma li nista' ngħid huwa illi kif ħareġ mill-ktieb tal-Mandati, wieħed mill-ewwel kotba li ppubblikajt, l-awtorizzazzjoni, f'ħafna każijiet, kienet trid tiġi ffirmata, kemm mill-awtorità ċivili, jiġifieri, l-Università u kemm

mill-awtorità ekkleżjastika. Fejn hemm affarijiet li kienu jinvolvu t-tnejn, pereżempju, id-daqq tal-qanpiena tal-Katidral. Kienet isservi, mhux biss għall-Knisja iżda wkoll biex, għan-nafra tan-nies, pereżempju. Mela l-Università kellha kontribut hemmhekk, u l-Knisja għandha l-kontribut tagħha, allura, nifhimha li biex iħallsu l-arloġġar li jieħu ħsieb, it-tnejn iridu jħallsu. L-istess, pereżempju, l-iskola tal-Imdina. Kien hawn skola, kienu jattendu għaliha min ser isir qassis, jattendu għaliha l-grammatiċi tal-grammatika, allura kienu kontributi kemm mill-Università, kemm mill-... forsi dik kienet l-għerq tal-ħaġa.

MG: U dawn huma l-famużi Mandati li inti ppubblikajt fil-bidu tad-disgħinijiet, fit-tnejn u disgħin.

SF: Fin-ninety two, eżattament.

MG: U x'joħroġ minnhom, allura?

SG: Toħroġ ċara kif kienet l-amministrazzjoni, in-nefqa għal dawn kienu awtorizzazzjonijiet għan-nefqiet li kienu jinvolvu kemm il-katidral u kemm l-Università forsi minħabba f'hekk li baqgħu flimkien. Issa li ridt ngħid huwa li dak il-ktieb ikopri l-perjodu l-1473, l-1539, jiġifieri anke jidħol fil-perjodu tal-Ordni, sal-ewwel disa' snin. Imma wara dik is-sena, il-Mandati nqasmu kompletament. L-aħħar wieħed huwa t-tielet wieħed fejn huwa joint, ir-raba' wieħed tal-Katidral huwa biss tal-Katidral u pariġġu hemm il-Biblijoteka, mingħalija, *Università 79*, li jittratta biss affarijiet ċivili, li huwa interessantissimu, u kemm nixtieq li kelli ħin, u ninkoraġġixxi lil min jista', jagħmlu, jippubblikah fis-serje *Documentary Sources of Maltese History* għaliex huwa, huwa interessantisimu, pereżempju, ikopri, pereżempju, l-inċident ta' Callus, kitbiet tiegħu, awtografi. Dik hi, jiġifieri!

MG: Fihom tajt eżempju interessanti, glossarju ta' termini li kienu jintużaw, jiena kont il-ġimgħa l-oħra nħares lejhom, għax kelli bżonn, affarijiet ta' xiri, ta' ikel, ta' materjal artistiku, opri tal-arti, jiġifieri inti tagħti glossarju, tispjega d-definizzjoni bl-etimoloġija, jekk hix Taljana, hix Sqal-Siċiljana, hix Latina. Tgħidilna xi ħaġa?

SF: Interessanti minn dak il-lat, l-istudju tal-lingwa li joħroġ mid-dokumenti tagħna, dan il-glossarju, qabelxejn, komplejt nagħmlu fid-*Documentry Sources*. Wieħed jista' jiġborhom kollha u joħroġ dizzjunarju għax il-lingwa tevolvi, però xi ħadd l-Italja, dan l-aħħar, bagħatli kopja tat-teżi mibnija kollha fuq Basardella, mibnija kollha fuq il-pubblikazzjonijiet tiegħi, u dan li tirreferi għalih inti, fejn għandek studju ta' kif żvolġiet il-lingwa, l-affarijiet jinbidlu. Għandi paper meta kienet saret il-feschtift ta' Wettinger, għamilt paper *isem* studju etimoloġiku ta' kliem Malti qadim fejn espandejt ħafna fuq it-termini li qed issemmi inti.

MG: Ittrattajt ukoll studji dwar komunitajiet ta' barranin u l-influwenzi li, b'xi mod, immarkaw l-istorja tard-Medjevali ta' Malta u moderna – insemmilek, partikolarment, tliet studji: *The Rhodiot Community of Birgu*, *A Maltese City 1530-1550* u *Jewish Community*

*in Mdina*. Fil-qosor, x'joħroġ minn dan it-taħlit? Kienu gruppi ta' nies emarġinati jew kienu parti integra fis-soċjetà?

SF: Biex nitkellmu fuq ir-Rodjoti, studjajthom sew, għax kont, kelli kontribuzzjoni barra li kont wieħed mill-edituri tal-ktieb *Birgu: A Maltese Maritime City*, ħarist lejn dak l-aspett, imma mbagħad dħalt ħafna fuq in-nutara li ħadmu f'dan il-perjodu u ħarġet informazzjoni kbira u tkellimt fuqha ġo Rodi, kien hemm konferenza, imbagħad espandejt għax f'konferenza ma tantx tista' żżid, f'*Library of Mediterranean History*, li kien beda Mallia Milanes. Qabelxejn rrettifikajt l-idea li kienu ġew ħafna minn Rodi, it's not the case, mhux 5000 waslu Malta, xi 500 ġew, għax għamlu xi tmien snin fil-kontinent u ħafna minnhom baqgħu hemmhekk. Mela ġew xi ħames mija u ssetiljaw il-Birgu u kien...

MG: Issetiljaw il-Birgu.

SF: U kienu komunità vibrant ħafna, jiġifieri involvew ruħhom ħafna fil-corso tal-Maltin, pereżempju, kien hemm integrazzjoni f'dak il-lat u kellhom ħafna ħiliet li f'Malta kienu neqsin, pereżempju, mhux noneżistenti, imma neqsin, fid-deheb, pereżempju, arġentiera, u importanti li xi wħud minnhom għadhom magħna sal-lum. Il-kunjom 'Marmara' beda minn hemmhekk, il-kunjom 'Lagana' beda minn hemmhekk, dawn huma ta' oriġini Griega li ssetiljaw hemm u baqgħu. Jitfaċċa wkoll il-kunjom 'Preca', imma għandi dubju jekk il-'Preca' ta' dak iż-żmien jorbtux mal-'Preca' t'issa, ma studjajthiex dil-ħaġa, jista' jkun li mhux il-każ, imma 'Marmara', iwa, u 'Lagana', ukoll. Iktar minn hekk, l-Ordni ta' San Ġwann ma kinux kuntenti li l-Imdina kienet ċentru ta' qawwa, ta' power, u huma kienu ssetiljati, naturalment, hemmhekk. Allura l-ewwel ħaġa li għamlu

MG: L-aristokrazija, in-nobbiltà?

SF: L-aristokrazija baqgħu hawnhekk.

MG: Ma kinux kuntenti hawnhekk.

SF: Meta qabżitilhom, telqu, jiġifieri, l-Inguanez baqgħu hawn u huma ssetiljaw hemmhekk, imma ma ridux l-Università t'hawnhekk ikollha l-poter, jiġifieri l-ewwel ħaġa li għamlu qasmu l-gżira f'żewġ universitajiet, waħda tal-Birgu u l-oħra tal-Imdina, u aktarx is-salib li hemm l-Imrieħel jifred iż-żewġ sezzjonijiet, allura kien hemm erba' parroċċi hawnhekk, jiġifieri Birkirkara, Naxxar eċċetra, u l-parroċċi l-oħrajn man-naħa l-oħra. Imma mbagħad, kien hemm, riedu jwaqqfu min ser jamministraha l-Università t'hemmhekk. Ħafna min-nies li ntgħażlu għal dak ix-xogħol kienu propju dawn ir-Rodjotili ma kinux Maltin t'hawnhekk, għalkemm bdew jintegraw bil-mod, imma l-interessi tagħhom kienu għalkollox differenti. Dana aspett li naħseb li huwa importanti ħafna, kien ġa semmieh 'Mifsud', biex ngħidu kollox.

MG: Alfredo Mifsud?

SF: Alfredo Mifsud, u komplejt nespandi fuqha.

MG: *Truth vindicated; Trista ex Melitogaudo*, u oħra li ssegwi kontrorisposta tal-Professur Lauxtermann, dwar il-poeżija tal-bidu tas-seklu erbatax, miktuba minn xi ħadd imħarreġ sew fil-Latin u l-Grieg Klassiku li spiċċa eżiljat f'Malta. Qabelxejn, kif kontu tafu (għax dan l-istudju ħdimtu id f'id ma' żewġ studjużi oħrajn) fejn kienet tinsab dil-famuża poeżija fl-arkivji Nazzjonali ta' Madrid, u x'tgħidli dwarha?

SF: Mela, fl-1973, il-Professur Sulakis minn Thessaloniki, ippubblika excerpts minn din il-poeżija bil-Grieg, li għalija ma kienet aċċessibbli xejn, biss xi tliet snin wara, meta Lutheral kien qed jikteb il-ktieb *Medieval Malta*, il-Professur... m'iniex ċert fejn, l-Italja, kien, kien qed jikteb paper fuq Malta Medjevali, parallel ma' dak li kien qed jgħid Lutheral fil-ktieb, u fosthom jirreferi għal din il-poeżija li ppubblika biċċiet minnha Sulakis. U qal li tissemma Melitogaudo. Meta smajt din, widnejja għamlu hekk! Jiġifieri dokument tas-seklu 12 fuq Malta u Għawdex, f'perjodu li meta m'għandna xejn prattikament minnu, widnejja qabżu. L-ewwel ħaġa li għamilt, huma, naturalment, taw referenza f'Madrid, mort ġibt tliet kopji ta' din il-ħaġa, waħda żammejtha jien

MG: Dana qed ngħidu għall-ħabta tal-elf disa' mija...?

SF: 1995, xi ħaġa hekk, waħda l-Università ta' Malta, tajjeb li ngħidha din, tajthom kopja, u l-oħra ridt insib xi ħaġa li jiddeċifraha dil-ħaġa għax hija bil-paleografija Griega. Xi daqsxejn Grieg kont diġà studjajt, ġa, bħala tifel fil-Liċeo, meta kelli l-opportunità, u mal-Ġiżwiti komplejt imma ma kinitx t'idi l-ħaġa. Approwċjajt diversi nies u, fl-aħħar, sibt lill-Monsinjur Ġużeppi Busuttil li kien l-arkivista tal-Kurja, u għaddejtlu din, u qalli, "Mela, imma toqgħodx tgħaġġilni." Prattikament insejtha. Le, qed nigdeb, ta, mhux fin-95 tajthielu din, xi l-85, naħseb kienet, meta kont bdejt niġġennen fuq dawn l-affarijiet.

MG: Kont għadek qas għamilt konoxxenza sew ma' Fr Busuttil li, imbagħad, ħdimt fuq xogħlijiet oħra.

SF: Kont nafu l-Kurja minħabba l-iStatus Animarum, minħabba l-familja, li minn dax-xogħol ħarġu, pereżempju, laqmijiet tan-Naxxar, tal-elf tliet mija u tletin, xi ħaġa hekk, jiġifieri jien kont nafu, barra mill-fatt li hu kien fil-parroċċa ta' San Ġiljan li jiena ngħix. Qalli, "Toqgħodx tgħaġġilni," u jiena, prattikament, insejtha, kelli fuq xiex naħdem. Għaxar snin wara, u dak jiġi fin-ninety five, qalli, "Għamiltha dik, ta." Ok, għamiltha. Jiġifieri, li għamel il-Grieg li ma jinqarax, il-paleografija Griega qalibha għall-Grieg.

MG: Jiġifieri kellu ħiliet paleografiċi notevoli.

SF: Kien jgħallem il-Grieg u l-Latin, studja Londra, jiġifieri orrajt, kien diġà għamel xogħol, pereżempju, meta fil-missjoni Taljana, tas-Silġ, ta' San Pawl...

MG: Missjoni arkeoloġika tas-sittinijiet.

SF: Fi żmien il-miġja ta' San Pawl, l-anniversarju, fil-millenarju, fin-ninteen sixty, kien sar, kien diġà, jiġifieri, ħadem fuq affarijiet hekk u għandu papers sħaħ fuq il-Grieg u l-Latin fil-*Journal of Maltese Studies,* anyways. Mela issa għandna, nistgħu naqraw il-Grieg, anke

jiena kont naqrah li kien kiteb hu. Imma issa rridu traduzzjoni. Erġajt approwċjajt diversi nies u, fl-aħħar, Horace Vella qal li jagħmilha u dam iġebbed l-isbaħ ħames snin, niġri warajh, ngħidlu, "Għamilt xi ħaġa fuqha"? Wara ħames snin qalli jiena bdejt naħdem fuqha. Imbagħad irrealizzajna li l-kopja, il-fotokopja li kont ġibt minn Madrid, kien hemm ħafna lakuni, ċapep sħaħ suwed, kien hemm, importanti, noti marġinali li ma jinqaraw xejn, għidtlu, "Din għandna bżonn immorru naraw l-oriġinali." Mar hu l-ewwel darba, ġie huwa wara xi għaxart ijiem u kkoreġa ħafna affarijiet, kellhom bżonn jiġu korretti.

MG: Allura Busuttil ma kienx preċiz?

SF: Busuttil ħadem fuq il-fotokopja li kont tajtu jien, jiġifieri ħafna affarijiet anqas sempliċement, ma kienu jinqraw. Qalli aħjar titla' int ukoll u rġajt mort għaxart ijiem. U rġajna kkoreġejna, imbagħad bdejna naħdmu flimkien fuq din it-traduzzjoni u niskopru l-istorja madwarha. X'ħareġ mill-ħaġa? Din kienet, għal disa' snin, xi ħadd, fil-Qorti ta' Ruġġieru II, ikklaxja mar-Re u r-Re eżiljah Melitogaudo għal disa' snin sħaħ.

MG: Kastig?

SF: Kastig. Mhux hu biss, ħuh kien eżiljat fil-post l-ieħor, jiġifieri jekk hu kien Għawdex, l-ieħor kien Malta, jew viċe versa, lil ommu qas ħallieha tarah qabel jitlaq, il-bniet ħalliehom, imma ma qalilhomx fejn sejjer, kien kastig, jiġifieri. U dak eżiljat hawnhekk, l-Anonimu għax kontroversja l-ħaġa, tajt is-suġġeriment tiegħi min kien, imma ħafna nies ma qablux miegħi, qalu. Kiteb din il-poeżija biex jindirizzaha l-vizier tar-renju jiġifieri, Ġorġ ta' Antijokja (George of Antoich) biex jinterċedi għalih mar-Re. U l-poeżija hija kollha meħuda minn sezzjonijiet mill-Bibbja, mil-letteratura Griega, biċċiet anke bil-Latin, kien kapaċi ħafna biex isaħħaħ l-argument tiegħu mal-vizier, Ġorġ ta' Antijokja, biex jinterċedi għalih mar-Re, biex jeħilsu. Fost id-deskrizzjoni kollha hemm żewġ affarijiet ta' importanza kbira għalina. Waħda minnhom jgħid ċarament, li San Pawl kien ġie hawn fis-seklu 12 dan qiegħed jgħidha, fis-seklu 12, San Pawl Malta ġie, mhux kif qal ħaddieħor. U l-oħra jagħti deskrizzjoni ċara li fl-elf mija sebgħa u għoxrin, eleven twenty-seven, Ruġġieru II attakka Melitogaudo, apposta qiegħed ngħid, Melitogaudo, apposta qiegħed ngħid Melitograudo, biex ma nikkommettix ruħi, għaliex kien hawn ribelljoni. Fil-ktieb tiegħi, fuq id-deċmi, ħriġt b'teorija għaliex ġrat din, mhux ħa nidħol fiha issa. Mela keċċa 'l barra l-kapijiet Misilmin, biddel il-moskej tagħhom fi knejjes, u importanti ħafna, u kixef komunità Nisranija li kienet moħbija; isqof u komunità ta' Nsara madwaru.

MG: Li allura turi li xi forma ta'…

SF: Li l-Knisja kienet għadha għaddejja, jiġifieri. Jiena saħħaħt dal-argument b'ħafna referenzi għall-istorja ekkleżjastika, x'fadal minn din il-Knisja Griega, iżda nies bħal Wettinger, jiġifieri, li kien ilu jipprietka li Malta kienet sparpaljata, u għalhekk, ir-reliġjon kienet waqfet, weħlitlu hawn, hu. Mhux biss, teorija tiegħi issa din, hu għamel sena Oxford jistudja fuq il-perjodu Medjevali, qabel ma kiteb il-paper tiegħu *Arabs in Malta*,

għamel ħbieb ma' nies bħal Jeremy Jones u George Holmes, through Jeremy Jones li kkonvinċewh, naħseb, biex jiktbu kontra din it-teorija.

MG: Kienu instigati.

SF Fl-opinjoni tiegħi, sewwa. Hawn Malta, kien hawn żgur konfoffa sħiħa, u għadha għaddejja sal-lum, biex turi li dana ma kienx il-każ. U dan il-famuż Lauxtermann, fost ħafna' qal, 'deiknýnai' li tfisser 'to show, to bring to light,' hu qal, 'he insert it,' biddel issens. Jiġifieri hu qed jgħid l-isqof mhux sabu hawnhekk, l-isqof ġie impjanat hawnhekk. Biex nirrispondih għal dik wieħed fonoloġiku u, u wieħed mill-Istorja. Mhux ħa nidħol filfonoloġija, hawnhekk, ħafna dettalji ta' Grieg, dawn ktibniehom fuq żewġ papers, waħda għall-konsum lokali, li tirreferi għalih inti, *Truth Vindicated*, u qabeż fuq din, u mgħaġġbin kemm ferrħitu lil Godfrey li kien l-isptar dak iż-żmien, u l-għada miet. Naf min qallu biha, jiġifieri li Jeremy Jones waqqagħha t-teorija ta' Fiorini. Anyway, waħda hemmhekk, u loħra fil-Litwanja, fejn għandha tilħaq ħafna aktar nies barra minn Malta. Ninsew lfonologija, argument storiku. Jiena ridt ngħid li Malta kienet diġà kellha żewġ isqfijiet qabel eleven twenty seven, wieħed Giovanni u l-ieħor Rajneru, wieħed fl-eleven thirteen u l-ieħor fl-eleven twenty-one. Jekk kien hemm żewġ isqfijiet qabel, x'jiġifieri jiġi Ruġġieru u jilħaq isqof ġdid? Din ma tagħmilx sens, imħabba l-patt li n-Normanni kellhom mal-Papa, il-Papa tahom setgħa li jieħdu l-artijiet kollha li kienu meħudin mill-Misilmin, Sqallija, Malta, il-Calabria u l-Puglia, basta jiġu rritornati, għax dawn kienu tal-Vatikan, ta' Ruma, imma talli għamlu hekk, in-Normanni kellhom ħafna drittijiet, fosthom li jinnominaw l-isqfijiet huma, allura jekk Ruġġieru II qed jinnomina isqof fl-eleven twenty-seven, kien hu stess li nnomina lit-tnejn ta' qablu, eleven thirteen u eleven twenty-one. Jiġifieri, din ma tagħmilx sens. Minkejja dan, xorta baqgħu jinkitbu anke fil-gazzetti u tweġġagħni ħafna li tinkiteb teżi tal-Baċellerat, l-Università ta' Malta, issa, u s-supervisor, li ma nsemmix min hu, ma jsemmix l-istudent min kien, lanqas referenza waħda għallkwistjoni tal-Kristjanità, kienet focused fuq Kristjanità f'Malta, u dak kollu li qed insemmu aħna lanqas biss insemmu. L-istudent naħseb ma kienx jaf, imma s-supervisor żgur li kien jaf, anyway, biex tkun taf. Minkejja dan l-argument, xorta kien hemm oppożizzjoni, allura ddeċidejt, issa, biex nidħol bis-serjetà ħafna fuq il-prova, li kemm Giovanni u Ranjieli, kienu isqfijiet ta' Malta. Dawn huma żewġ papers li għadhom kif jidhru issa, waħda minnhom fil-festschift ta' Maroma (Camilleri) fejn nuri Giovanni, għaliex kien hu, għaliex hemm evidenza ġdida qatt ma ssemmiet qabel, li dana Roberto, l-Isqof ta' Calabria, li kien ukoll Kardinal bħala Isqof ta' Mileto, Malta, ma tantx nafu fuqu imma bħala Kardinal nafu fuqu, u baqa' jgħix sal-1120 żgur, jiġifieri. U ta' Ranjero, xi ħaġa kompletament differenti li jidher fil-*Melita Theologica* li hemm dokument b'sinjatari, aktar minn ħamsin wieħed dorthom wieħed wieħed, u wrejt li kollha kemm huma, huma awtentiċi, jiġifieri jekk jissemma dal-Kardinal, vera li dak il-Kardinal kien jgħix f'dak ilperjodu, jekk jissemma isqof, vera dak l-isqof kien dak iż-żmien, kollha, imbarra ta' Malta. Allura d-disgħa u erbgħin kollha, veru, il-Malti kien, ma tagħmilx sens.

Traskritt minn Danica Abela. Qari ta' Provi: Mr Wayne Farrugia

MG: Ħa nitkellmu fuq Għawdex, Stanley, issa.

SF: Għawdex?

MG: Iva, fuq l-Assedju t'Għawdex.

SF: Eee!

MG: F'wieħed mill-istudji tiegħek dwar l-assedju tal-1551, f'Għawdex, indirizzajt numru ta' mistoqsijiet dwar il-konsegwenzi ta' din il-ħerba li prattikament żvojtat lil Għawdex. X'dawl sinifikanti jitfgħu l-atti tan-Nutar Don Lorenzo de Apapis, Tommaso Gauci u Ferdinando Ciappara, fuq dak li ġara, tul dan il-perjodu u wara?

SF: Mela, l-għejun għal dik il-paper kienu dawk in-nutara li semmejt int, li kienu qegħdin jaħdmu dak iż-żmien, kif ukoll sources tal-Knisja, jiġifieri *Liber Baptizatorum*, eċċetra, ta' San Ġorġ tal-Matriċi, biex ħriġt stampa tal-popolazzjoni x'kienet. L-ewwel korrezzjoni hija li mhux vera li ġabar lil kulħadd. Imbarra l-erbgħin xiħ, kien hemm xi ħames mija li ħarbu. Dawn, aktarx, kienu nies b'saħħithom fl-aħjar tagħhom li niżlu bil-ħbula min-naħa ta' Marsalforn.

MG: U ġew Malta?

SF: Jew li nħbew Għawdex stess.

MG: Li ngħidu li tbattal kompletament, qisu Għawdex ma kien hemm ħadd?

SF: L-art fertilissima Għawdxija kellha bżonn dik li tiġi biex tinħadem. Dik il-paper kienet "The Resettlement of Gozo". How was it resettled? Bdew ġejjin nies minn Sqallija li baqgħu hawnhekk, pereżempju, il-kunjom 'Sultana', huwa 'Soldano', Sqalli li kkorrompa ruħu f''Sultana', hawnhekk. Fil-fatt, 'de Soldanis', still going back għall-isem bil-Latin u juża 'de Soldanis'. Ħafna Maltin, speċjalment mill-area taż-Żurrieq marru hemmhekk. Naturalment, l-aspirazzjoni tagħhom kienet li jiġu f'idhom l-artijiet li l-Għawdxin kienu qed imutu għalihom barra, jaqdfu l-iġfien tal-Misilmin. Imma no way, l-Għawdxin, il-ftit li kien baqa aċċertaw li l-propjetà tagħhom, tibqa' tagħhom, u jekk kien hemm xi Malti li ħa xi biċċa art, dak kien għax iżżewweġ xi mara Għawdxija.

MG: Irnexxielhom, jiġifieri, iżommu l-propjetajiet u l-artijiet, speċjalment agrarji, li kienu rikki. Diversi studji interrelatati jirreferu għat-tliet użanzi liturġiċi tal-Knisja f'Malta, bejn is-sekli tnax u sittax: ir-rit Biżantin, Ruman u Gallikan irrappreżentaw, għal sekli twal, forom u tradizzjonijiet distinti ta' qima u espressjoni li kkoeżistew flimkien. X'tgħidilna dwar din id-distinzjoni, li ħriġtha fl-istudji tiegħek, u forsi ssemmilna xi ħaġa dwar l-oriġini tal-qaddisin tal-era Biżantina?

SF: Irridu naraw l-istorja tal-Knisja f'Malta. Fl-ewwel millennju, jiġifieri, l-ewwel isqof ta' Malta, ċerta ċertezza, lanqas hu ċert, jekkx l-isem kienx Luċjanu jew Ġuljanu, fis-sena ħames mija u xi ħaġa, huwa l-ewwel wieħed li jidher, imbagħad ċar ħafna, fi żmien Gregorju, meta kellek dak l-Isqof Trijanu jew Luċjanu, wieħed minnhom, insomma, li kien

bagħbas fl-artijiet tal-ekkleżja Afrikana, u l-Papa qabeż fuqu qallu, "M'intix ħa tibqa' hawnhekk u ħa nibdlek ma' t'hawnhekk." Trijanu u Luċillu, insejt which is which. Jiġifieri, hemmhekk.

MG: Qed nitkellmu, hawnhekk?

SF: Sitt mija, five nine four (594) sa six o four (604), biss fiż-żmien ta' qabel kienet diġà ċara l-qasma tal-perjodu Ruman, erba' mija u ħamsin, u Malta ċivilment kienet marret ma' Kostantinopli, mhux ma' Ruma, imma l-Knisja, imma, kienet baqgħet Rumana, kif jidher l-inċident ta' Gregorju. Imma fis-sena seba' mija u tletin, jew ftit qabel, kien hemm il-ġlieda tal-*iconoclasti* f'Kostantinopli, u l-Imperatur kien kontra l-qima tal-ikoni, u biex isaħħaħ idu, mar quddiem il-Papa u qallu trid tiffirma dad-digriet li jaqbel miegħi. Il-Papa ma riedx, dan wera s-saħħa kollha tiegħu, ħataf dawn l-artijiet Sqallija, Calabria, li semmejna qabel, il-Puglia ħadhom mal-Knisja Ortodossa, t'hemmhekk, ta' Kostantinopli, mhux Ortodossa u l-Papa baqa' b'xejn, u għalhekk, il-Papa, eventually, meta ġew in-Normanni, made sure qallu, "Dawk irridhom lura, dak li ħadli dak." U għal seklu sħiħ, minn seven thirty (730) sa eight six nine (869), sakemm ġew l-Għarab, il-Knisja kienet Griega. Għalkemm għadni ma naħlifx li ma kienx hemm traċċi tal-Knisja Latina. Pereżempju, il-Madonna tal-Mellieħa, Mario Buhagiar jgħid li hija tpinġija ta' affresk ta' madwar, sal-elf u tliet mija jasal, imma mbagħad iqabbilha mal-Madonna li hemm Santa Lucia sul Tirone fi Sqallija li studja Aldo Messina, li hija Normanna. Barra minn hekk, Monsinjur Borg kien ikkonsulta speċjalista Russu mill-Granbar Insitute u qallu, "din hija Karolinġa, il-kitba," għax li ġara kien li bil-ħmieġ li akkumula, dan l-affresk ma kienx jinqara sew, il-kitba li kien hemm, u kienu jaħsbu li hi Griega, abbażi tal-istorja, u Abela, pereżempju, sixteen forty seven jgħid din hija 'Meter Theon', 'the Mother of God', bil-Grieg, imma, kif imbagħad hija ingrassata wkoll fl-irħam li għamlu fl-18th century fuq l-artal 'Meter Theon', għadek taraha s'issa. Biss dan l-aħħar sar tindif tal-affresk u ħarġet li kienet Latina, 'Mater Dei', u l-iskrittura għalija hija late Carolingian, m'iniex espert fil-paleografija imma mill-ftit li naf fuq il-ħaġa, id-'D', pereżempju, hija upright u ċatta, hekk, il-'M', ir-roundness tagħha, hija ta' dak il-perjodu, l-abbreviation sign kaxxa, hekk u hekk, surrounded b'salib, hija kmieni, mhux tardiva. Jiġifieri, jekk hija tnax, tlettax, qed nitkellmu perjodu Normann, u taqbel ma' li qal Aldo Messina fuq Santa Lucia sul Tirone. Jiġifieri mhix ċara, għadha trid toħroġ il-ħaġa. Anyway, mela l-Knisja hija Grega *most of it* kif ġara fi Sqallija pereżempju meta Ruġġieru, mhux Ruġġieru, ħu Roberto, il Guiscardo, daħal Palemo, sab isqof Grieg, kien għadu hemmhekk, kif meta Ruġġieru II daħal hawn Malta, sab isqof Grieg, il-komunità hija Griega u (Enrica) Follieri hija esperta fil-liturġija Siċiljana, Medjevali, il-innijiet huma kollha bil-Grieg ta' dan il-perjodu. Fejn wasalna?

MG: Il-qaddisin Biżantini.

SF: Fuq il-qaddisin Biżantini.

MG: L-oriġini tal-parroċċi. Għandek paper fuqha.

SF: Jekk immorru, Dusina, fl-elf ħames mija u ħamsa u sebgħin, jagħmel enekwu tal-knejjes, bid-dedikazzjoni tagħhom joħroġ xi erba' mija u ħamsa, jidhirli. X il-ħamsa u disgħin fil-mija minnhom, huma kollha qaddisin tal-ewwel millennju, appostli, qaddisin Griegi, ta' Sqallija Martri ta' dak iż-żmien bħal Pankrazju, pereżempju, mela l-grande maġġoranza huwa Grieg, imma mbagħad hemm perjodu, numru żgħir li daħlu hawnhekk man-Normanni. Normanni ma ninsewx li ġew oriġinarjament mill-Iskandinavja, issetiljaw fi Franza, imbagħad minn hemm, niżlu hawnhekk. Wieħed minnhom mar l-Ingilterra, William attakka l-Ingilterra, u Roger u Robert niżlu hawnhekk. Ġabu magħhom it-tradizzjoni Franċiza, waħda minnhom ġabu l-Gallikaniżmu, għax il-knisja Nisranija, hemmhekk, kellha elementi tagħhom, Gallikani, kif ukoll ċertu qaddisin, bħal San Ġiljan mill-Belġju, minn hemmhekk, San Martin, kellna l-festa tiegħu issa, of Tours, minn Tours fi Franza. Ismijiet bħal 'Amantor', fejn hawnhekk daħlet id-drawwa li, mal-funerali, nagħmlu quddies ta' Gregorju, Gregorjani u ta' Amantor, u ktibt din il-paper fejn fridt wieħed mill-ieħor.

MG: Fi studji oħrajn ktibt dwar il-konnettività u r-relazzjoni bejn ir-reġjun tal-Katalunja, ir-Renju ta' Aragona, ir-relazzjoni bejn Malta u Genoa, fi żmien l-Anġovini, u kunjomijiet Sqallin fit-tard medjuevu. Fil-qosor, x'joħroġ minn dawn l-istudji?

SF: L-istudji tal-kunjomijiet jagħtina ma' fejn u ma' liem kienet tmiss Malta. Pereżempju, *Sicilian Surnames of Maltese Origins*, għandek ruxxmata ismijiet, qed inkompli ma xiex kiteb Wettinger, kien ġa għamel paper fil-*Proceedings of History Week* tal-eighty two, mingħalija, fejn semma dil-ħaġa u analizza ismijiet li jidhru f'dik il-paper, espandejt fuq il-ħaġa u pprovajt insib l-eqdem referenzi għall-kunjomijiet li għandna u joħorġu affarijiet interessanti. Daż-żmien ngħidu 'Grixti', il-'G' hija hardening tal-ittra 'K', mhux hemmhekk biss issibha, f'affarijiet oħra, u x-'X' hija 'Cristi', dawk kienu serfs Kristjani li kienu Sqallija fis-seklu 12, u diġà ssibu f'dik il-forma 'Christi'. Pereżempju, għandek il-kunjom 'Muhammed', issibu Malta, jibqa' jissemma sal-elf erba' mija ħamsa u sittin, li, imbagħad, ma kinitx għadha komda li wieħed juri ismu 'Pietru' u l-ieħor 'Muhammed'. Allura dawruha u għandna l-kunjom 'Mamo' li ħareġ minnu. Ċar. Għax issib l-istess nies li kien 'Muhammed' qabel u wara sar 'Mamo'.

MG: Conversion tal-kunjom mil-lejl għan-nhar.

SF: U oħrajn, pereżempju. 'Dejf' sar 'Magro', 'Dejf', irqiq, 'Magro', l-istess persuna fl-istess dokument notarili, jissemma 'Dejf', ieħor 'jissemma Magro'. U ġieli fl-istess dokument, li qabel kien 'Dejf'. Għad għandna, pereżempju, in-Naxxar, ir-'Raħal Dejf', għadu. Fuq ix-xellug mill-għassa.

MG L-aħħar mistoqsija. Xi tgħidilna fuq l-istudji ta' karti sporadiċi li sibt f'diversi fonti arkivistiċi dwar preskrizzjonijiet jew riċetti farmaċewtiċi jew listi ta' prodotti li kien jikkonsma l-poplu fis-sekli ħmistax u sittax. X' tgħidilna fuqu?

SF: Fuq il-mediċina. L-ewwel xogħol li għamilt kien fuq Santu Spirtu u inkoraġġieni Dun Ġwann, kont niġi hawnhekk inqalleb fuq il-kunjomijiet, qalli, "Dan xi tgħidli għalih." Li ridt ngħid huwa, bil-kunjomijiet, tibda min-nanniet tas-seklu dsatax, tmintax, sbatax. Waħdi għallimt lili nnifsi l-paleografija, aktar ma tmur lura ħa jkollok din il-bidla, din il-bidla, din il-bidla, sakemm tasal seklu tnax u tispiċċa taqrah, e, jiġifieri.

MG: Ippermettili, kellek taħriġ, għax id-dokumenti tas-seklu tmintax, b'xi mod taqrah, is-seklu sbatax, imma meta tqalleb għas-seklu ħmistax u seklu erbatax jibda…

SF: Checks and balances fuqi nnifsi.

MG: Int waħdek, self-taught, m'għallmek ħadd, dawk l-abbrevjazzjonijiet.

SF: Determinazzjoni għax kelli bżonnhom. Għaliex, pereżempju, Univ 11, Wettinger kellu, imma ma ħarġux qabel ħafna aktar tard. Imma jiena, kien hemm dokumentazzjoni fuq Santu Spirtu li għalija kienet essenzjali. Tkissirt biex qrajt dawk id-dokumenti. Fil-proċess tgħallimt kif naqrahom. Mela fuq mediċina, pereżempju, sibt l-eqdem formolarju, riċettarju ta' Santu Spirtu, ta' warajh imorru lura aktar tard. Imbagħad sibt tabib tal-familja Birkirkara. Ħriġt paper fuqu Pelorerio, nafu fejn kien imur, kemm kien jitħallas. Ħriġt l-istatuti li kienu jirregolaw il-professjoni tat-tobba mil-lat ta' mediċina. Kien hemm aktar papers oħrajn, pereżempju, ħarist lejn, ser, ħa noħorġu ktieb fuq Ħal Kirkop, tiktbilna xi ħaġa fuq il-medjuevu? Ktibt paper fuq Ħal Kirkop, Ħal Lija, is-Siġġiewi, kont għamilt tal-Birgu u hemm l-Imdina, ma semmejniex, għandek il-materjal kollu f'idejk u sempliċement tislet minnu dak li…

MG: Poġġejt fuq platt ukoll dik, imbagħad nidħlu għaliha darb'oħra, b'ħafna traskrizzjonijiet għall-istudenti t'għada pitgħada, biex mingħajr ma joqogħdu jitħabtu jaqraw huma d-dokumenti, ikollhom fuq platt, materjal maħdum, stampat u ppubblikat biex fil-kumdità ta' darhom…

SF: Kemm jistudjawh. Inberikhom b'idejja t-tnejn!